MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Talba Numru. 176/2007

**Il-Periti Stephen Mangion (I.D. 995845M) u Patrick Camilleri (I.D. 5755M) f'isimhom proprio u a nom u in rapprezentanza tad-ditta Mangion, Mangion & Partners**

**vs**

**Christopher Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Frar 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi pro et noe s-somma ta' elfejn tliet mija u sbatax Euro u sbatax-il centezmu (€2317.17) ekwivalenti ghal disa` mija u erbgha u disghin Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm994.76) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra n-nota ta’ l-istess atturi pro et noe pprezentata fit-22 ta’ Ottubru 2007 li permezz taghha cedew t-talba sa fejn jirrigwarda l-hlas tas-sorte u imghax stante pagament fil-mori, izda zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi pro et noe sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-7 ta’ April 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi pro et noe tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal, jilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjes u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi pro et noe l-ispejjez kollha ta’ din l-istanza kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------